Supplement tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta. Nru. 14,417, 23 ta' April, 1985

Taqsima B

A.L. 10 ta' l-1985

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITA' (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(ATT NRU. XIII TA' L-1971)

Ordni ta' l-1985 dwar Żebgħa ta' Emulsjoni Plastika (Ordni Nru. M13 ta' l-1985)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), il-Bord ta' *Standards* ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1985 dwar Żebgħa ta' Emulsjoni Plastika u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M 13 ta' l-1985.

1.2 Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu 20 jum mill-jum li fih jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data tiġi avżata mill-Bord b'avviż fil-Gazzetta.

Għan.

2.1 Dan l-ordni japplika għal żebgħa ta' emulsjoni li tkun matta jew nofsha tleqq li jkollha bażi ta' *polymer* sintetiku jew ta' *co-polymer* sintetiku maħsuba l-aktar għal użu kemm fuq ġewwa kif ukoll fuq barra.

Tifsir.

3.1 F'dan l-ordni —

3.1.1 "konsistenza" tfisser il-viskosità li tidher ta' żebgħa meta forzi ta' *shearing* ta' gradi differenti jkunu applikati fuqha b'diversi modi, bħal meta tħawwadha fil-landa, tferragħha minn reċipjent għal ieħor, tapplikaha bil-pinzell jew tifrixha b'xi mod ieħor fuq wiċċ;

3.1.2 "inxif" tfisser il-proċess ta' passata żebgħa meta tinbidel minn stat likwidu għal dak solidu, minħabba evaporazzjoni tas-solvent, rejazzjoni fiżiko-kimika tal-medja li tgħaqqad, jew minħabba dawn il-kawżi flimkien;

3.1.3 "ħin ta' nxif" tfisser il-ħin li jgħaddi minn meta tagħti passata żebgħa sakemm din tilħaq stat ta' nxif speċifikat;

3.1.4 "I.S.O." tfisser l-i*standard* internazzjonali pubblikat mill-International Standards Organisation;

3.1.5 "A.S.T.M." tfisser l-American Society for Testing and Materials.

Kondizzjoni f'reċipjent.

4.1 Iż-żebgħa m'għandhiex ikollha riħa li ddejqek jew tinten u jekk tkun saret xi separazzjoni tal-likwidu, is-saf tan-naħa ta' fuq ma għandux ikun iżjed minn 5% tal-fond kollu li jkun hemm fir-reċipjent.

Kontenut volatili.

5.1 Il-materjal volatili li jkun hemm fiż-żebgħa ma għandux ikun iżjed minn 50% tal-piż meta jkun eżaminat bil-metodu msemmi fil-paragrafu 17.1.

Żieda bl-ilma.

6.1 Meta tkun miżjuda bl-ilma skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur biex tintuża bir-romblu, bil-pinzell jew bi *spray*, iż-żebgħa għandha titħawwad faċilment bl-inqas ammont ta' raġħwa għal stat lixx u omoġenju. Wara li ż-żebgħa titħawwad sewwa u tiżdied bl-ilma meta tinħażen għal 72 siegħa f'temperatura ta' 25 ± 2°C, ma tridx turi sinjali ta' instabbilità ta' l-emulsjoni. Iż-żebgħa għandha tkun li tista' terġa' titħawwad faċilment għal stat lixx u uniformi li tkun adattata biex tintuża bir-romblu, bil-pinzell jew bi *spray*.

Ħelsien minn frak.

7.1 Meta eżaminata bil-metodu msemmi fil-paragrafu 17.2 iż-żebgħa ma tħallix residwu ta' iktar minn 1% tal-piż b'passatur b'apertura nominali ta' 75 um.

Konsistenza.

8.1 Meta eżaminata bil-metodu msemmi fil-paragrafu 17.3 iż-żebgħa, kif provduta, irid ikollha konsistenza għal passata ta' bejn 200 u 425 grammi *Krebs-Stormer* b'rata ta' *shearing* ta' 200 dawra kull minuta meta titkejjel f'temperatura ta' 25 ± 0.5°C.

Ħin ta' nxif.

9.1 Iż-żebgħa, kif provduta, għandha tinxef b'mod li tkun tista' tingħata passata oħra fi żmien sagħtejn f'temperatura ta' 25 ± 2°C u f'umdità relattiva ta' 70 ± 5%.

Flessibiltà.

10.1 Meta eżaminata bil-metodu msemmi fil-paragrafu 17.4 iż-żebgħa kif provduta ma għandhiex taqsam.

Kemm tgħatti.

11.1 Meta eżaminata bil-metodu msemmi fil-paragrafu 17.5 iż-żebgħa għandha tgħatti tajjeb jew tajjeb ħafna.

Użu bil-pinzell u bir-romblu u proprjetajiet għal passata oħra.

12.1 Meta titħallat bl-ilma skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur iż-żebgħa għandha tinfirex tajjeb meta tapplikaha bil-pinzell u ma ttajjarx meta tapplikaha bir-romblu. Meta tinxef iż-żebgħa ma għandhiex turi sinjali ta' *floating*, qsim, qxur, ċarċir, *pitting*, *cratering*, *curling*, irfiegħ tal-passati ta' taħt jew xi sinjali oħra mhux mixtieqa ta' lega.

Resistenza għal ħasil.

13.1 Meta eżaminata bil-metodu msemmi fil-paragrafu 17.6 il-lega taż-żebgħa ma għandhiex turi sinjali ta' tneħħija.

Kulur.

14.1 Il-kulur għandu jkun kif miftiehem bejn il-manifattur u x-xerrej. Iż-żebgħa għandha tkun hekk manifatturata li l-kulur minn partiti differenti jkun jaqbel u ma juri ebda differenza fil-kulur li tidher fil-għajn.

Reċipjenti.

15.1 Ir-reċipjent għandu jkun b'saħħtu biżżejjed li jiflaħ għal użu normali u jrid ikun issiġillat tajjeb li ma jagħmilx u biex ma jkunx hemm kontaminazzjoni tal-kontenut matul maniġġ u waqt il-ġarr.

Tikkettjar.

16.1 Kull reċipjent ta' żebgħa ta' emulsjoni plastika għandu jkollu

tikketta li turi bi stampa ċara u li tinqara tajjeb, it-tagħrif li ġej:

16.1.1 L-isem tal-kulur taż-żebgħa;

16.1.2 L-isem tal-marka jew *trade mark*; jew

16.1.3 L-isem u l-indirizz tal-manifattur;

16.1.4 Meta l-isem tal-marka ma jitniżżilx f'lista miżmuma mid-Direttur ta' l-Industrja u lanqas it-*trade mark* ma tkun reġistrata mal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrjali, l-isem u l-indirizz tal-manifattur fuq it-tikketta jkunu obbligatorji;

16.1.5 Il-kontenut nett f'volum metriku;

16.1.6 L-avviżi, jew il-pariri u l-istruzzjonijiet dwar żieda bl-ilma u d-direzzjoni dwar kif tużaha sewwa.

Kif tiġi eżaminata.

17.1 Il-kontenut volatili taż-żebgħa jiġi determinat bil-metodu deskritt fil-I.S.O. 1515.

17.2 Il-ħelsien minn frak jiġi determinat kif ġej:

17.2.1 Nixxef passatur nadif ta' apertura ta' 75 um b'dijametru ta' madwar 100 mm f'105 sa 110°C, kessaħ f'dissekatur u iżen sa l-inqas 0.1 g. Iżen madwar 5 g taż-żebgħa ta' emulsjoni mħallta sewwa għal ġo reċipjent adattat, żid 100 ml ilma distillat u ħawwad sewwa waqt li tħoll il-boċoċ kollha mingħajr *grinding*. Ferra' l-kontenut tar-reċipjent għal ġol-passatur billi titfa' l-ilma fuqu. Aħsel dak li jibqa' ġol-passpatur waqt li tippinzella bil-mod b'pinzell taxxagħar tal-ġemel, sakemm dak li jibqa' jikkonsisti biss fi frak li ma jgħaddix mill-passatur. Jekk l-emulsjoni taqsam, neħħi dak li jibqa' mill-faži taż-żejt billi taħslu diversi drabi bl-alkol u bl-aċitone. Laħlaħ sewwa l-pinzell fuq il-passatur bl-aċitone.

Fl-aħħarnett, aħsel is-solventi kollha mill-passatur bl-etere. Ħalli l-etere jevapora, imbagħad nixxef il-passatur għal madwar 15-il minuta f'105 sa 110°C, kessaħ b'dissekatur u iżen.

17.2.2 Ikkalkola l-perċentaġġ ta' frak sa l-eqreb 0.1 perċentaġġ.

17.3 Il-konsistenza tkun stabbilita bil-metodu deskritt fl-Ispeċifikazzjoni A.S.T.M. D 562-55.

17.4 Il-flessibiltà tiġi eżaminata kif deskritt fl-I.S.O. 1519 bl-użu ta' żebgħa fi ħxuna ta' lega friska ta' 50 um applikata fuq *tinplate burnished* ta' ħxuna nominali ta' 0.3 mm u mnixxfa bl-arja għal 48 siegħa. Jintuża *mandrel* ta' 6 m dijametru.

17.5 Kemm tgħatti ż-żebgħa jiġi eżaminat billi tagħti żewġ passati wara xulxin bil-pinzell b'żebgħa miżjuda skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur fuq panew li jqun qabel miżbugħ iswed u abjad b'żebgħa *undercoat* skond Ordni M6 ta' l-1980.

17.5.1 Iż-żebgħa tkun konsidrata li tgħatti tajjeb ħafna meta jkun hemm tħassir komplet tal-partiijet kemm suwed u kemm bojod. Kuntrast żgħir bejn il-partijiet suwed u bojod juri li ż-żebgħa tgħatti tajjeb, waqt li kuntrasti ikbar juru li tgħatti ftit jew ħażin, jiddependi fuq il-grad ta' kuntrast.

17.6 L-eżami għal reżistenza ta' ħasil għandu jsir fuq sistema ta' żebgħa preparata kif hemm fil-paragrafu 17.5 u mnixxfa bl-arja għal 48 siegħa. Parti li jkollha kemm substrati suwed u kemm bojod għandha mbagħad tinħasel bl-idejn bl-użu ta' sponża tal-*foam polyurethane* flessibbli imxarrba f'ilma pur. Il-ħasil għandu jsir billi jsiru mozzjonijiet ta' 100 ċirku fuq xulxin b'użu ta' forza ta' madwar 6N.

17.6.1 Kull żieda fil-kuntrast bejn il-partijiet maħsula suwed u bojod jindikaw sinjali ta' tneħħija.

NOTA: Meta ġie preparat dan l-i*standard* saret referenza għal dawn li ġejjin:

I.S.O. 1515

I.S.O. 1519

Standard tal-Bord ta' Malta M6

A.S.T.M. D 562

S.A.B.S. 633

S.A.B.S. 634

Standard 3 Mawretan.